# GĦAJN RIĦANA

*Ta'* George Zammit

Nixxiegħa ta' l-ilma, li sserrep
U tgelgel u tfawwar mal-wied,
Li ssaħħar 'il-ħdura bi ġmielek
U twennes b'għanjitek is-skiet;
Nixxiegħa li tiġri, titgerbeb,
Daħkana, ferħana se ttir,
Tiħieli dik l-għanja, misruqa
Minn sema ikħal nir.

Bħal sħaba li ttir waħdanija
Fil-bieraħ ta' sema bla tmiem,
Bħal kewkba li tlellex u tgħaddi,
Bħal seħħa ta' faraġ, ta' sliem,
Int tgħaddi u titbissem. Tiħieli
Dik l-għanja fis, qabel tintemm,
Għax l-għana ħallieni, u din qalbi
Midfuna fil-hemm.

Int tgħaddi u titbissem — għanjitek
Ma tafx ħlief bil-hena u l-ġid.
X'tinkedd jekk is-sajf għad inixxfek?
Int taf li trid tiġi mill-ġdid.
Illum qed isaltan il-biki,
Id-demm qed jixxerred gelgul:
Int toħlom li għada, bħall-bieraħ,
Jixxejjer is-sbul.

7. 3. 42.